MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1017/2008

**Nicholas Sammut u Flower Power Limited**

**Vs**

**Flower Power (Sales) Limited; L-avukat Dr Andrew Borg Cardona bhala l-amministratur provizorju ta' l-istess socjeta Flower Power (Sales) Limited[1]; Jason Sammut f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom tal-assenti Nathalie Sammut, Maria Sammut, ilkoll bhala eredi tal-mejjet George Sammut**

[1] Jirrizulta li b'digriet moghti fil-11 ta' Jannar 2011 fl-atti tar-rikors 953/2004, l-inkarigu ta' Dr Borg Cardona gie revokat. Il-qorti spjegat li r-raguni ghal din l-ordni kien *"minhabba kif zviluppaw l-affarijiet m'hemmx bzonn aktar tan-nomina tieghu salv il-hlas tad-drittijiet tieghu."*. Il-htiega li jibqa' parti fil-process hi limitatata ghad-dritt li jista' ghandu fid-difiza li ressaq f'dan il-kaz.

Illi permezz ta’ rikors guramentat ipprezentat nhar it-8 ta’ Ottubru 2008, l-attur Nicholas Sammut ippremetta:

1. Illi s-socjetà Flower Power Limited hija l-proprjetarja tal-fond ossia villa “Il-Bajja”, 402, Santa Marija Estate, il-Mellieha, liema fond iservi bhala l-unika residenza hawn Malta ta’ l-esponenti Nicholas Sammut, li huwa azzjonist maggoritarju fl-istess socjetà esponenti.

2. Illi ai termini tal-Klawsola Numru 6 ta’ l-Iskrittura Privata datata 6 ta’ Novembru, 2002, li kienet konkluza *inter alia* bejn l-esponenti Nicholas Sammut f’ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power Ltd, u huh George Sammut, illum mejjet, li kien qed jidher fuq l-imsemmija Skrittura f’ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Flower Power (Sales) Limited, fejn l-imsemmija socjetà intimata Flower Power (Sales) Limited obbligat ruhha illi:

i. thallas dawk l-ispejjez kollha li sa dak inhar diga’ kienet qieghda thallas relattivament ghall-amministrazzjoni u manutenzjoni ta’ l-imsemmi fond ossia villa “Il-Bajja”, 402, Santa Maria Estate, il-Mellieha, liema spejjez jinkludu dawk kollha relattivi mat-telefon u konsum ta’ ilma u kurrent elettriku, kera tal-meters relattivi, u spejjez ordinarji ohra;

ii. tipprovdi pjanti u attrezzi ohra ghall-gnien ta’ l-istess fond imsemmi; u

iii. thallas is-somma ta’ sitt mija u tletin euro (Euro 630) fil-gimgha lill-esponenti Nicholas Sammut f’dak il-perjodu li l-istess esponenti jkun qieghed f’Malta, u dan ghal perjodu massimu ta’ sittax (16) -il gimgha fis-sena;

3. Illi permezz ta’ l-imsemmija Skrittura Privata, l-imsemmi George Sammut kien iggarantixxa personalment u in solidum ma’ l-imsemmija socjeta intimata, l-obbligi kollha minnha assunti in virtù ta’ l-iSkrittura Privata *de quo*, nkluz ghalhekk l-obbligu tal-hlasijiet u oltre kif dovuti in virtù tal-Klawsola Numru 6 fuq imsemmija.

4. Illi konsegwentement, l-intimati Jason u Nathalie ahwa Sammut, ulied l-istess George Sammut illum mejjet, u l-armla tieghu Maria Sammut già ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejnha u zewgha, li huma l-eredi ta’ l-imsemmi George Sammut, illum huma lkoll garanti in solidum ta’ l-obbligi kollha tas-socjetà intimata Flower Power (Sales) Limited.

*Ir-raguni tat-talba attrici*

5. Illi minkejja illi s-socjetà ntimata Flower Power (Sales) Limited kienet qieghda teffettwa b’mod regolari l-pagamenti dovuti skond il-Klawsola Numru 6 ta’ l-iSkrittura Privata u dan dejjem lill-esponenti Nicholas Sammut personalment, hija naqset milli tkompli thallas l-ammonti hekk dovuti kif fuq premess, b’dan illi l-hlasijiet relattivi ghall-imsemmija Klawsola Numru 6, sub-incizi (i) u (ii) baqghu jsiru kollha direttament mill-esponenti Nicholas Sammut fl-interess kemm tieghu personali kif ukoll fl-interess tas-socjeta’ esponenti Flower Power Limited.

6. Illi l-esponenti Nicholas Sammut effetwa huwa stess dawk il-pagamenti kollha li jidhru fil-prospett relattiv anness mar-Rikors, esebit u mmarkat Dok B biex ha hsieb ghall-manutenzjoni tar-residenza ossia villa fuq imsemmija, u li taghhom ghandu jigi rimborsat mill-intimati, kif ukoll qatta’ hawn Malta dawk il-gimghat indikati fl-istess prospett (Dok. B) matul is-snin 2005, 2006 u 2007, li taghhom ukoll ghandu jithallas bir-rata miftehma fil-Klawsola Numru 6 sub-inciz (iii) ta’ l-Iskrittura Privata tas-6 ta’ Novembru 2002.

7. Illi ghalhekk is-somma totali dovuta sal-lum mill-intimati in virtù tal-Klawsola Numru 6 ta’ l-Iskrittura kif fuq premess, sal-31 ta’ Dicembru 2007, tammonta ghas-somma ta’ hamsa u erbghin elf u sittax-il Euro (Euro 45,016), wara li tnaqqas il-pagament akkont tat-30 ta’ Gunju 2008, skond kif jirrizulta mill-prospett anness, esebit u mmarkat bhala Dok B mar-rikors promotur.

8. Illi l-intimati fl-ahhar tlett snin ghamlu zewg pagamenti akkont ta’ l-ammonti dovuti skond l-imsemmija Klawsola numru 6 ta’ l-imsemmija Skrittura Privata, fosthom pagament ta’ erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro (Euro 4,658), ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (Lm 2,000) fl-ahhar tas-sena 2007, u pagament iehor ta’ tlett elef u sitt mitt euro (Euro 3,600) import ta’ zewg cheques rilaxxjati mill-intimati favur l-esponenti Nicholas Sammut personalment u datati 18 ta’ Marzu 2008 u 15 ta’ Mejju 2008 rispettivament (enumerati 4538 u 4543) u migbudin fuq il-kont “Rainforest” li s-socjetà ntimata ghandha mal-Bank of Valletta p.l.c., u li kopji taghhom jidhru fid-dokument anness mar-rikors promotur, esebit u mmarkat Dok. C.

9. Illi oltre dawn il-pagamenti akkont, is-socjetà ntimata rrilaxxjat tlett cheques ohra favur l-esponenti Nicholas Sammut personalment, kull cheque, ta’ elfejn u tliet mitt Euro (Euro 2,300), rispettivament datati 30 ta’ Marzu 2008 (numru 4540), 15 t’April 2008 (numru 4541), u 30 t’April 2008 (numru 4542) migbudin ilkoll fuq il-kont “Rainforest” tas-socjeta’ ntimata mal-Bank of Valletta plc, liema cheques, ghall-import totali ta’ sitt elef u disa’ mitt Euro (Euro 6,900) ma gewx onorati mill-Bank of Valletta plc u ghadhom ma ssarrfux. Kopji ta’ dawn ic-cheques jidhru fuq l-imsemmi Dok. C filwaqt illi l-originali jinsabu f’idejn il-Pulizija ghall-investigazzjonijiet dwar frodi.

10. Illi minkejja li gew interpellati, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Lulju 2008 lilhom debitament notifikata, u li kopja taghha giet annessa mar-rikors promotur, esebita u mmarkata bhala Dok. D, l-intimati naqsu milli jhallsu s-somma minnhom dovuta.

11. Illi permezz ta’ Digriet moghti fl-1 ta’ Settembru 2008 minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, gew nominati l-Avukat Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti intimat Nathalie Sammut fl-atti ta’ ittra ufficjali tat-18 ta’ Lulju 2008 u fl-atti kollha sussegwenti.

12. Illi permezz ta' Digriet moghti fl-4 ta' Jannar 2005, dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Avv Henri Mizzi noe v Flower Power (Sales) Limited (Rikors Numru 953/04/RCP), prezentement pendenti, hatret lill-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona bhala amministratur provizorju tas-socjeta' ntimata.

13. Illi l-ammont dovut ta' hamsa u erbghin elf u sittax Euro (Euro 45,016) huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-atturi, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra t-talba u l-pagament ta' l-istess.

14. Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

15. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-atturi.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u erbghin elf u sittax Euro (Euro 45,016), rapprezentanti arretrati ta' hlasijiet dovuti sal-31 ta' Dicembru 2007 a tenur tal-Klawsola Numru 6 ta' l-iSkrittura Privata datata 6 ta' Novembru 2002 kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**<u>Risposta guramentata ta' Jason Sammut f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom tal-assenti Nathalie Sammut (a fol 51).</u>**

1. Illi in linea preliminari r-rikors promotur ghandu jigi ddikjarat bhala irritu u null, stante li s-socjetà ntimata ghandha amministratur provizorju ai termini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement atti gudizzjarji kontra s-socjetà ntimata jirrikjedu l-awtorizazzjoni tal-Qorti skond is-surreferit artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet

ta’ Malta, liema awtorizazzjoni m’hijiex esebita fost id-dokumenti pprezentati mis-socjetà rikorrenti.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kif dedotta hija nulla peress illi la l-kawzali u lanqas it-talbiet ma jispecifikaw il-pretensjonijiet u t-talbiet partikolari ta’ kull rikorrent u dan kif rikjest abbazi tal-Artikolu 161 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta f’kaz ta’ azzjoni kumulattiva bhal dik odjerna.

3. Illi in linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-eccipjent m’hijiex garanti in solidum mas-socjetà ntimata izda hija biss garanti ai termini ta’ l-artikolu 1925 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement kwalsiasi azzjoni intavolata mis-socjetà rikorrenti hija intempestiva.

4. Illi in linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjent m’hijiex garanti in solidum mas-socjetà ntimata izda hija biss garanti ai termini ta’ l-artikolu 1925 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement kwalsiasi azzjoni ntavolata mis-socjetà rikorrenti a bazi ta’ tali garanzija trid tirrispetta r-rekwiziti stabbiliti mill-artikolu 1934 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, f’kaz li l-intimata tigi ddikjarata bhala garanti in solidum mas-socjetà ntimata Flower Power (Sales) Limited, ghandha tapplika l-kondizzjoni espressa fil-klawsola numru tmienja (8) tal-ftehim datat 6 ta’ Novembru 2002.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-ammonti pretizi m’humiex dovuti u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda kontra l-istess atturi, kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.

**Risposta guramentata ta’ Flower Power (Sales) Limited (C13901) (a fol 56).**

1. Illi in linea preliminari r-rikors promotur ghandu jigi ddikjarat bhala irritu u null, stante li s-socjetà ntimata ghandha amministratur provizorju ai termini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement atti gudizzjarji kontra s-socjetà ntimata jirrikjedu l-awtorizazzjoni tal-Qorti skond is-surreferit artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema awtorizazzjoni m’hijiex esebita fost id-dokumenti pprezentati mis-socjeta’ rikorrenti.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kif dedotta hija nulla peress illi la l-kawzali u lanqas it-talbiet ma jispecifikaw il-pretensjonijiet u t-talbiet partikolari ta’ kull rikorrent u dan kif rikjest abbazi tal-Artikolu 161 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta f’kaz ta’ azzjoni kumulattiva bhal dik odjerna.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-ammonti pretizi mhumiex dovuti u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.

**Risposta guramentata ta’ Maria Sammut (a fol 60).**

1. Illi preliminarjament, il-kumpannija rikorrenti ghandha tressaq prova illi hija aderiet ruhha mar-rekwiziti tal-Artiklu 224(2) tal-Kap 386 u fin-nuqqas, il-kawza ghandha tigi dikjarata nulla;
2. Illi preliminarjament l-eccipjenti Maria Sammut mhijiex eredi ta’ George Sammut li miet fil-1 ta’ Ottubru 2003, kif jidher mir-ricerki testamentarji li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-kumpannija rikorrenti;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija rikorrenti stante:

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kif dedotta hija nulla peress illi la l-kawzali u lanqas it-talbiet ma jispecifikaw il-pretensjonijiet u t-talbiet partikolari ta' kull rikorrent; u dan kif rikjest abbazi tal-Artiklu 161 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' azzjoni kumulattiva bhal dik odjerna;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti Maria Sammut ma kenitx parti ghall-iskrittura tas-6 ta' Novembru 2002 u l-iffirmar ta' tali skrittura da parti ta' zewgha l-mejjet George Sammut sar minghajr il-kunsens taghha u l-obbligi assunti minnu, inkluzi l-obbligu assunti f'Artiklu 8 u 9 tal-iskrittura, jirrapprezentaw atti ta' amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti dak iz-zmien bejnu u bejn l-eccipjenti (Maria Sammut); ghaldaqstant, tali skrittura mhijiex valida fil-konfront taghha u l- l-eccipjenti (Maria Sammut) tirrizerva minn issa d-drittijiet kollha taghha f'dan ir-rigward;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti (Maria Sammut) m'hijiex garanti in solidum flimkien mal-kumpannija Flower Power (Sales) Limited, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kaz illi jigi dikjarat illi l-eccipjenti (Maria Sammut) hija garanti in solidum mal-kumpannija Flower Power (Sales) Limited, kwalunkwe garanzija talvolta moghtija da parti ta' zewgha l-mejjet George Sammut tiskatta biss f'kaz illi l-kumpannija Flower Power (Sales) Limited tonqos milli thallas dawk l-ammonti talvolta dovuti minnha u mhux qabel; ghalhekk, semmai l-azzjoni hija intempestiva;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti (Maria Sammut) qatt ma kellha ebda konnessjoni fit-tmexxija ta' Flower Power (Sales) Limited u fl-ahhar snin qabel miet zewgha George Sammut, kien hemm proceduri ta' separazzjoni nkorsi minnha kontrih u jirrizulta bhala fatt illi kien f'dan il-perjodu li, ad insaputa taghha, giet iffirmata l-iskrittura tas-6 ta' Novembru 2002 esebita

mir-rikorrenti flimkien mar-rikors guramentat, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu r-rapport tal-perit legali Dr Kris Balzan[2].

Il-kawza titratta dwar obbligazzjoni ta' hlas li tirrizulta minn skrittura privata datata 6 ta' Novembru 2002 u li assumew:-

1. Flower Power (Sales) Limited (**klawzola 6**):

*"i. pay all outgoings of a similar nature to those paid as at date hereof on the property Il-Bajja, Santa Marija Estate, Mellieha owned by FP* [**Flower Power Limited**] *(the Property) including but not limited to all rates and charges for telephone, water and electricity and ordinary repairs and maintenance;*
*ii. provide free of charge any plants and garden related products for the Property on an ongoing basis;*
*iii. pay NS* [**Nicholas Sammut, l-attur**] *the net sum of two hundred and seventy Maltese Liri (Lm270) per week for a maximum period of sixteen (16) weeks in any one year during such time as NS is in Malta; Should circumstances in the companies FP (Sales), FP and MFP reasonably dictate that NS extends his stay in Malta beyond the said sixteen (16) weeks, then FP (Sales) shall continue to pay NS the agreed weekly amount throughout his stay in Malta."*.

i. George Sammut (**klawzola 8**):

[2] Konfermat bil-gurament fit-3 ta' Novembru 2011 (fol. 240).

*"FP (Sales) is hereby guaranteeing jointly and severally the performance of all obligations undertaken by GS pursuant to this agremeent.* ***GS is likewise binding himself to satisfy the obligations undertaken by FP (Sales) should FP (Sales) fail to satisfy it itself.****"*.

Il-qorti tosserva:-

1. L-Artikolu 224 tal-Kap. 386 jipprovdi li meta jkun inhatar amministratur provizorju, tista' tinbeda azzjoni kontra kumpannija wara li jkun inghata permess mill-qorti. F'dan il-kaz b'digriet li nghata minn din il-qorti fis-7 ta' April 2009 fil-kaz **Avukat Henri Mizzi nomine vs Flower Power (Sales) Limited** (953/2004) il-qorti laqghet it-talba maghmula b'rikors prezentat fil-5 ta' Dicembru 2008 sabiex *"[….] il-proceduri pendenti fl-ismijiet Nicholas Sammut et vs Flower Power (Sales) Limited et (Rikors Numru 1017/08RCP) jistghu jibdew jinstemghu, kif ukoll taghti kwalunkwe direttiva li jidhrilha xierqa f'dan ir-rigward, u dan ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 224."* (fol. 93-96). B'hekk l-eccezzjonijiet relatati mal-Artikolu 224 tal-Kap. 386 gew ezawriti bl-imsemmi digriet, u dan b'applikazzjoni tal-principju ta' *jus superveniens*[3]. F'kull kaz kif diga' gie osservat, fil-mori tal-proceduri l-kumpannija ma baqghetx taht il-kontroll tal-amministratur provizorju.

2. Eccezzjonijiet ohra li nghataw huma li l-azzjoni hi nulla ghaliex il-kawzali u t-talbiet ma jispecifikawx il-pretensjoni u t-talbiet partikolari ta' kull wiehed mill-atturi, skond kif jitlob l-Artikolu 161 tal-Kap. 12. L-azzjoni tal-atturi hi bazata fuq l-obbligazzjoni li Flower Power Sales Limited assumiet fi klawzola 6 tal-kuntratt, fil-konfront taz-zewg atturi. Ghalkemm hu minnu li fir-rikors guramentat m'hemm l-ebda distinzjoni bejn l-ammont reklamat minn Nicholas Sammut u dak minn Flower Power Limited, mid-

---

[3] **Ara sentenza Mediterranean Flower Products Limited vs Flower Power (Sales) Limited** [1109/2007] ta' din il-qorti (Imhallef J. Azzopardi) tad-9 ta' Dicembru 2009 li fiha ttrattat l-effett tal-ghoti tal-awtorizazzjoni skond l-Artikolu 224 tal-Kap. 386 wara li kienet diga' giet prezentata l-kawza.

dokument B anness mar-rikors promotur (fol. 13-14) hu evidenti l-ammonti relatati mal-ispejjez u dawk relatati mal-visti ta' Nicholas Sammut f'Malta.

3. M'hemmx dubju li l-konvenuta Maria Sammut, mart il-mejjet George Sammut, m'hijiex werriet tieghu. George Sammut miet intestat fl-1 ta' Ottubru 2003, fi zmien li l-ligi ma kenitx tipprovdi li l-mara hi werrieta ta' zewgha. Irrizulta wkoll li l-qorti volontarja kienet, b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2005, iddikjarat is-successjoni ta' George Sammut miftuha favur uliedu Jason u Nathalie ahwa Sammut. Dan wara li fis-6 ta' April 2005 ipprezentaw rikors ghall-ftuh tas-successjoni ta' George Sammut favur taghhom.

4. L-Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jipprovdi li:-

*"(1) Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum.*

*(2) L-istess presunzjoni tghodd ghall-garanti ukol jekk ma jkunx kummercjant illi jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni kummercjali."*.

Fil-fehma tal-qorti l-klawzola 8 tal-kuntratt tikkonferma li l-garanzija li ta George Sammut ma kenitx *in solidum* mad-debitrici Flower Power Sales Limited. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha meqjus li fi klawzola numru 8 jinghad li George Sammut obbliga ruhu li jwettaq l-obbligi tal-kumpannija ***"should FP (Sales) fail to satisfy it itself."*** (fol. 9). Ghall-qorti dan il-kliem jikkonferma li ma kenitx l-intenzjoni li l-garanti jkun obbligat *in solidum* mad-debitrici, gialadarba f'obbligazzjoni *in solidum* l-obbligu tal-kondebitur lejn il-kreditur ma tiddependix min-nuqqas ta' hlas tal-kondebitur l-iehor. Min-naha l-ohra garanti mhux

in solidum ihallas fl-eventwalita' li d-debitur principali jonqos milli jissodisfaha hu nnifsu (Artikolu 1925 tal-Kodici Civili[4]).

Fil-fehma tal-qorti ghalkemm fl-ewwel parti ta' klawzola 8 jinghad li Flower Power Sales Limited qeghda tiggarantixxi solidalment l-obbligi li assuma George Sammut, fil-kaz tal-garanzija li ta George Sammut ma ntqalx li hu garanti *in solidum*. Gialadarba jinghad li obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghall-obbligi ta' Flower Power Sales Limited *"should FP (Sales) fail to satisfy it iself"*, allura l-uzu tal-kelma ***"likewise"*** qeghda tirreferi biss ghall-garanzija u mhux garanzija *in solidum*. Ghall-qorti l-kliem ***"should FP (Sales) fail to satisfy it itself"*** jikkonfermaw kemm is-sitwazzjoni ta' George Sammut bhala garanti tal-obbligi ta' Flower Power Sales Limited hi differenti minn dik ta' Flower Power Sales Limited bhala garanti ta' l-obbligi li assuma George Sammut.

5. Skond l-Artikolu 1934 tal-Kodici Civili, *"garanti hu obbligat biss ihallas meta jonqos id-debitur principali, illi qabel xejn ghandu jigi eskuss fuq il-beni tieghu."*. Process li f'dan il-kaz ma jghoddx ghaliex id-debitrici, Flower Power Sales Limited tinsab fi stat ta' insolvenza. Il-beneficcju ta' eskussjoni ma jghoddx fil-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 1935, fosthom *"jekk id-debitur ikun sar mhux solvibbli."*. Fir-rigward tal-kumpannija Flower Power (Sales) Limited hemm proceduri ghax-xoljiment taghha. Il-qorti rat l-atti[5] minn fejn hu evidenti li l-kumpannija m'ghadix topera. Jirrizulta li f'rapport li kien hejja George Gafa', *special manager* inkarigat mill-qorti, jinghad li l-kumpannija ma kenitx f'posizzjoni li thallas id-djun taghha.

---

[4] *"Il-garanzija hija kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."*.

[5] Avukat **Henri Mizzi nomine vs Flower Power (Sales) Limited** (953/2004).

6. Maria Sammut ma kenitx parti ghall-obbligazzjoni li assuma zewgha fuq il-kuntratt. Mill-atti jirrizulta li fl-24 ta' Novembru 1999 kienet ipprezentat kawza ghall-firda personali minn ma' zewgha (2583/1999). Il-konvenuta qalet li zewgha ma kienx infurmaha b'dak li kien ser jaghmel. Qalet ukoll li saret taf biha wara l-mewt ta' zewgha. L-atturi ma taw l-ebda raguni ghalfejn il-qorti ghandha tiddubita mill-veracita' ta din il-verzjoni. Wara l-mewt ta' George Sammut, il-kawza giet kancellata fit-8 ta' Ottubru 2003[6]. L-ghoti ta' garanzija hu att straordinarju li jehtieg il-kunsens tal-mizzewwgin (Artikolu 1322(3)(h) tal-Kodici Civili). Lanqas ma jidher li l-obbligu li assuma zewgha jista' jkun piz fuq il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, gialadarba m'huwiex wiehed mid-djun li jissemma fl-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili. Dan apparti li m'hemm l-ebda prova li dak li ghamel zewgha kien *"Att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju…."* (Artikolu 1324 tal-Kodici Civili). L-att gratuwitu li George Sammut ghamel meta ggarantixxa l-obbligazzjoni li assumiet Flower Power Sales Limited ma jistax jigi deskritt bhala *"att ta' gestjoni ta' kummerc, negozju"*. L-ghoti tal-garanzija minn George Sammut rabtet lilu biss.

7. Jirrizulta li fil-5 ta' Frar 2010 l-atturi pprezentaw nota (fol. 157) li biha rriducew it-talba bl-ammont ta' ghaxart elef u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€10,021.28) *"[…] stante pagament akkont fl-istess ammont lir-rikorrent Nicholas Sammut personalment fil-mori tal-proceduri."*. Jirrizulta li l-attur Nicholas Sammut kien inghata tlett cekkijiet datati 30 ta' Marzu 2008, 15 ta' April 2008 u 30 ta' April 2008 (fol. 162) ghas-somma komplessiva ta' €6,900. Cekkijiet ta' Flower Power Sales Ltd u jidher li kienu gew iffirmati mill-konvenut. Jidher ukoll li dawn ma kienux issarrfu u sussegwentement gew onorati bi zbank ta' flus mic-cedola ta' depozitu numru: 1298/2008. Il-qorti rat l-atti tal-imsemmija cedola u jirrizulta li dan sar bi qbil tal-konvenuti Flower Power (Sales) Limited, Nathalie Sammut u Jason

[6] Ara deposizzjoni ta' Emanuel Sciriha, seduta tad-19 ta' Jannar 2011.

Sammut, u tal-amministratur provizorju[7]. Fin-nota tal-5 ta' Frar 2010 jinghad li cekk iehor, datat 30 ta' Gunju 2009[8], ta' €2,000 kien *"[….] mahrug in bjank minn certu John Caruana u kkonsenjat mill-intimat Jason Sammut lill-konsulenti tar-rikorrent Nicholas Sammut…"* u li mid-dokument a fol. 160 (Dok. Z1)[9] jidher li gie mputat ghall-kreditu ta' Nicholas Sammut.

L-atturi ipprezentaw rendikont tal-ammonti li qeghdin jippretendu l-hlas taghhom (fol. 13-14). F'affidavit (fol. 102) l-attur Nichaolas Sammut spjega li:

(a) Fl-2005 kien f'Malta mill-1 ta' Awwissu 2005 sal-24 ta' Settembru 2005, cjoe' ghal **8 gimghat**;
(b) Fl-2006 kien Malta mis-6 ta' Lulju 2006 sat-23 ta' Awwissu 2006, cjoe ghal **7 gimghat**;
(c) Fl-2007 kien Malta mill-4 ta' Lulju 2007 sat-22 ta' Ottubru 2007 cjoe' ghal **16 il-gimgha**[10].

Ghalhekk dak li gie ddikjarat mill-attur fid-dokument B a fol. 13-14 fil-parti ntestata *"Due for stays in Malta"* ma jistax jitqies bhala l-verzjoni korretta.

Skond klawzola 6 tal-ftehim oggett tal-kawza, Flower Power Sales Limited ghandha obbligu li thallas €628.93 (Lm270) fil-gimgha lill-attur *"[…] for a maximum period of sixteen (16) weeks in any one year during such rtime as NS is in Malta."*. B'kollox ghalhekk dsatax-il elf erba mija u sitta u disghajn ewro u sitta u hamsin centezmu **(€19,496.86**). F'dokument anness mar-rikors guramentat hemm elenkat il-pagamenti li saru lil Nicholas Sammut b'total ta' €8,258 (fol. 15), u li saru fl-2007 u 2008.

[7] Ara nota prezentata fil-15 ta' Lulju 2009 u li tinsab annessa mac-cedola 1298/2008.
[8] Kopja tinsab a fol. 159.
[9] Email mibghuta minn wiehed mid-difensuri tal-attur u datata 21 ta' Lulju 2009.
[10] Verzjoni li giet konfermata minn Claudia Antje Bauer (fol. 103) li qalet li hi l-partner tal-attur.

B'hekk ifisser li mis-somma ta' €19,496.86 dovuta ghas-snin 2005, 2006 u 2007 l-attur personalment fadallu jircievi **elf mitejn u sbatax-il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,217.58)**[11].

Ghal dak li jitratta spejjez in konnessjoni mar-residenza Il-Bajja, Santa Marija Estate, Mellieha, l-atturi pprezentaw prospett fejn elenkaw l-ispejjez (Dok. B a fol. 13) b'total ta' sittax-il elf hames mija u tnejn u disghin ewro (€16,592). Prospett li gie kkonfermat bil-gurament minn Michael Spiteri, direttur tal-kumpannija attrici li kkonferma li l-hlasijiet saru mill-attur personalment[12]. Fi klawzola 6 tal-kuntratt jinghad li l-kumpannija konvenuta obbligat ruhha li thallas:-

*"[…] all **outgoings of a similar nature to those paid as at date hereof** on the property Il-Bajja, Santa Marija Estate, Mellieha, owned by FP (the Property) including but not limited to all rates and charges for **telephone, water and electricity and ordinary repairs and maintenance.**"* (enfazi tal-qorti).

Dawn jikkoncernaw kontijiet ta':-

i. **Melita plc**. F'dan ir-rigward xehed Nicholas Borg (fol. 109). Jidher li s-servizz gie nstallat fl-1 ta' Settembru 2005 (fol. 112). Mill-ftehim ma jirrizultax car jekk din l-ispiza kenitx qeghda tigi kontemplata. Fil-fatt is-servizz gie nstallat wara l-mewt ta' George Sammut. Ghalhekk il-qorti m'hijiex ser tinkludihom fil-kalkoli.

ii. **Jatco Insurance Brokers Ltd**. Evan Calleja xehed (fol. 110) li fil-11 ta' Mejju 2004 nharget polza fuq il-fond 402, il-Bajja, Santa Marija Estate, Mellieha, f'isem Nicholas Sammut. M'hemmx prova li din it-tip ta' spiza kienet diga' qegha tithallas qabel gie ffirmat il-ftehim fis-sena 2002. Lanqas mhi spiza li tissemma espressament fi klawzola 6 tal-kuntratt.

---

[11] Il-qorti tirrileva li l-azzjoni hi limitata ghall-hlas dovut sal-31 ta' Dicembru 2007 (ara l-ewwel talba) meta l-kumpannija konvenuta kienet ghadha topera.

[12] *"Flower Power Ltd did not disburse any of these expenses but they are the technical owners of the villa. I say technical because, it was always acknowledged that the villa belonged to Nick Sammut personally."* (fol. 123).

iii. **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**. Din l-ispiza hi koperta bil-klawzola 6 tal-kuntratt. Ammont dovut hu ta' €6,410.78.
iv. **Go plc**. Spiza li tissemma fil-klawzola 6 tal-kuntratt. Ammont dovut hu ta' €1,540.88.
v. **Tiswijiet u manutenzjoni** li tissemma fl-imsemmija klawzola. Ammont dovut hu ta' €4,148.96.

Total ta' tnax-il elf mija u hamsa u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (**€12,135.56**).

Mill-ammont li jissemma f'Dokument B a fol. 13 il-qorti ser tiskarta wkoll pretensjonijiet fir-rigward ta' spejjez li jinghad li sar ma' Flower Power, Active System Filters, Terranet, Phoenix Domestic Appliance, u Maltanet in kwantu m'hijiex konvinta li dawn huma spejjez li kellha taghmel tajjeb ghalihom il-kumpannija konvenuta skond klawzola numru 6.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Jason u Nathalie Sammut, ta' Flower Power (Sales) Limited u ta' Maria Sammut. Spejjez kontra taghhom.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni ta' Jason u Nathalie Sammut, ta' Flower Power (Sales) Limited. Tichad it-tielet eccezzjoni ta' Maria Sammut. Spejjez kontra taghhom.**
**3. Tikkonferma li l-ahwa Sammut m'humiex responsabbli *in solidum* mal-kumpannija Flower Power Sales Limited, b'dan li peress li din il-kumpannija hija nsolventi ma' japplikax il-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar l-eskussjoni. Ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni li l-azzjoni hi intempestiva u r-raba' eccezzjoni, li nghataw mill-ahwa Sammut.**
**4. Tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Maria Sammut li m'hijiex werrieta ta' George Sammut.**
**5. Tilqa' r-raba' u hames eccezzjoni ta' Maria Sammut u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**6. Tichad il-hames u sitt eccezzjoni tal-ahwa Sammut.**

**7. Tichad is-sebgha eccezzjoni tal-ahwa Sammut.**

**8. Tichad it-tielet eccezzjoni ta' Flower Power (Sales) Limited.**

**9. Tikkundanna lill-kumpannija Flower Power (Sales) Limited sabiex thallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf tlett mija u tlieta u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€13,353.14).**

**10. Peress li l-kumpannija konvenuta hi insolventi, tiddikjara li l-konvenuti Jason u Nathalie ahwa Sammut, bhala eredi ta' missierhom George Sammut, ghandhom obbligu li jhallsu s-somma fuq imsemmija. Ghalhekk tikkundanna lil kull wiehed minn Nicholas u Nathalie ahwa Sammut sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sebghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (Ewro 6,676.57)[13].**

**Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 2008 u f'kaz li r-riferta kienet negattiva, mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq, inkluz id-dritt ta' Dr Borg Cardona li kien jokkupa l-kariga ta' amministratur provizorju, jinqasmu in kwantu ghal sittin fil-mija (60%) a karigu tal-kumpannija konvenuta u l-ahwa Sammut[14], u erbghin fil-mija (40%) a karigu tal-atturi[15].**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] Peress li l-werrieta ta' George Sammut huma tnejn, il-hlas dovut lill-attur fl-ammont ta' €13,353.14 ghandhom jinqasam bejn il-werrieta f'sehem ugwali.

[14] Fir-rigward tal-ahwa Sammut, 30% kull wiehed peress li huma z-zewg werrieta ta' missierhom George Sammut.

[15] Il-kap tal-ispejjez jipprovdi ghal dan il-qasma peress li l-attur kien qieghed jippretendi kreditu ikbar minn dak li qieghed jigi kanonizzat b'din is-sentenza.